MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 452/2004

**Avviz numru 452/04 DM**

**Guido Vella Limited (C 13696)**

**Vs**

**Mark (I.D. No. 683261 (M)) u Janice (I.D. No. 497961 (M)) mizzewgin Spiteri, u St. George's (Catering) Limited (C 6386)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm3,623.22), jew somma ohra verjuri, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, liema somma tirrapprezenta valur ta' prodotti tax-xorb mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta' attrici favur il-konvenuti, fuq

inkarigu ta’ l-istess konvenuti, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenuti ghalkemm interpellati, baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju tat-12 ta’ Awissu, 2004, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenuti, flimkien, jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kollha debitament notifikati naqsu milli jidhru fis-seduta tal-lum u naqsu milli jikkontestaw t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-Mario Sammut rappresentant tal-kumpanija attrici, u wara li rat ukoll in-nota ta’ riduzzjoni ppresentata illum stess mill-kumpanija attrici permezz ta’ liema minhabba pagamenti fil-mori tal-kawza l-kumpanija attrici rriduciet is-sorte ghas-somma ta’ tlett elef, mitejn u ghaxar liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm3,210.13), issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti qieghda tilqa’ it-talba attrici limitatament, billi tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba kif ridotta ta’ tlett elef, mitejn u ghaxar liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm3,210.13), bl-imghaxijiet legali b’effett mil-25 ta’ Awissu 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------